MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1060/2010

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Spiteri
Supretendent Simon Galea)**

**Vs**

**Glen Neil Scicluna ta' 33 sena imwieled Carlton, Victoria l-Awstralja fil-11 ta' Novembru 1976 iben |Paul u Lena xebba Agius residenti 7A, Triq il-Bidni, Marsascala u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 467992(M)**

**---------------------omissis-----------------------**

**Roderick Stabile ta' 27 sena imwieled Pieta fis-7 ta' Settembru 1982, iben Francis u Mary Grace xebba Vella residenti 35, Salve Regina, Triq Santa Katerina, Zejtun u dteentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 494782(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Glen Neil Scicluna u Roderick Stabile u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Marzu, 2009, u fix-xhur kemm ta' qabel u kemm ta' wara:

1. Irrendew ruhhom komplici billi kkorrompew lill-Kuntistabbli (PC) nru: 699 Kenneth Sevasta, ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku u dan in konnessjoni ma kariga jew impjieg tieghu fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, billi offrew xi rigali jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor lil PC699 Kenneth Sevasta, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, jew weghda jew tal-offerta kien sabiex l-istess PC699 Kenneth Sevasta jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel u b'dan ukoll illi barra milli l-istess PC699 Kenneth Sevasta accetta l-hlas, il-wieghda jew l-offerta fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel.

2. F'Malta assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jghamlu delitt f'Malta li ghalija hemm piena ta' prigunerija.

3. Aktar talli Glen Neil Scicluna, omissis u Roderick Stabile saru recidivi b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tathom zmien ragjonevoli skond il-ligi biex jirrikonsidraw l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar piena.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta l-Qorti tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati izda ma tistax tinjora l-fatt li huma recidivi

Illi l-imputati jinsabu akkuzati b'mod ewlieni bir-reati tal-korruzzjoni ta'l-ufficjal pubbliku. Dana ir-reat huwa inkwadrat fl-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 li jitratta dwar il-korruzzjoni minn ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku. Is-sub-inciz ( c) jaqra hekk:

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd jehel meta jinstab hati … jekk barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn .."*

Illi b'rabta ma' dina id-disposizzjoni tal-ligi l-artikolu 120 imbaghad iqies bhala komplici, il-persuna jew il-persuni li jikkorrompu l-istess ufficjal pubbliku.

Illi fil-kaz in dizamina l-imputati qed jigu akkuzati li ikkorrompew lil kuntistabbli bin-numru 699 Kenneth Sevasta li kien ufficjal tal-pulizija stazzjonat fil-qasam tal-Administrative Law Enforcement jew kif inhu maghruf ahjar l-ALE. Jidher illi l-imputati huma dillettanti tal-kacca u ghalhekk gew imwieghda minn dana il-kuntistabbli illi huma jigu avzati meta il-pulizija ikunu ser jaghmlu xi spezzjoni f'xi area partikolari fejn huma kienu imorru ghal kacca illegalment.

L-Qorti, kif diga kellha okkazzjoni tesprimi ruhha f'decizjonijiet simili, ma tistax tinjora in-natura serja tar-reati li dwarhom l-imputati jinsbu akkuzati b'mod specjali l-akkuza dwar l-korruzzjoni ta'l-ufficjal pubbliku. Il-Pulizija Ezekuttiva ghandha tkun il-pilastru tas-socjeta taghna, stante illi huwa biss bil-presenza taghha illi c-cittadin jista' ighix fis-sigurta' billi jircevi il-protezzjoni kollha li ghandu bzonn sabiex ighix hajja mill-iktar serena. Il-Korp tal-Pulizija ghandu ikun il-gwardjan tas-socjeta u ghandu ikun fih nies ta' integrita' morali soda u nies ta' kuragg u ta' ezempju. Ic-cittadin ghandu ihares lejn il-korp tal-Pulizija sabiex isib l-appogg kollu mehtieg meta huwa ikun vittma ta' xi reat. Ghalhekk ma ghandu qatt ikun hemm nies fis-socjeta li jazzardaw jahsbu illi permezz tal-flus jew oggetti ohra huma jistghu b'xi mod jixtru il-poter li l-Istat taghti lill-Pulizija Ezekuttiva u dana bil-ghan illi jaharbu mid-dettamni tal-Ligi li qieghda hemm sabiex tara illi l-ordni tirrenja fis-socjeta.

Illi ma hemmx dubbju illi z-zewg imputati ikkooperaw mal-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet. Illi mill-istqarrijiet taghhom jirrizulta illi huma ammettew mal-pulizija l-involviment taghhom u anke indikaw l-ufficjal tal-pulizija involut fil-kummissjoni ta' dana ir-reat. Jidher illi f'dana il-kaz l-ininzjattiva ittiehdet mhux mill-imputati, izda mill-ufficjal tal-pulizija innifsu. Iz-zewg imputati, dilettanti tal-kacca, waqghu ghal dina in-nasba, u dana sabiex huma ikunu jistghu ikomplu jezercitaw id-delizzju taghhom minghajr xkiel. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tinfliggi il-minimum tal-piena imposta ghal dawn it-tip ta' reati.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 43, 151(c), 120(1), 48A, 49 u 50 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------